

LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA

MODULU 6 – LOGĦBA TA’ SIMULAZZJONI TAR-RWOLI TAL- PARLAMENT EWROPEW

Din il-logħba ta’ simulazzjoni tar-rwoli tpoġġi lill-istudenti tiegħek f’post Membru tal-Parlament Ewropew. Għal siegħa jew sagħtejn, il-klassi tiegħek issir il-Parlament Ewropew innifsu, u l-istudenti tiegħek jiddiskutu kif jistgħu jindirizzaw suġġetti attwali tal-UE bħat-tiġin globali, ir-regoli dwar it-tabakk u armata tal-UE.

Din il-Logħba ta’ simulazzjoni tar-rwoli se tgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet demokratiċi tagħhom. Dawn il-ħiliet jinkludu l-iżvilupp ta’ opinjoni kritika, it-titjib tal-kapaċità ta’ argumentazzjoni u l-kapaċità ta’ ilħuq ta’ compromessi.

L-ewwel nett, **l-istudenti jaħdmu fi gruppi iżgħar** - kumitati parlamentari - fuq proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn jużaw bord tal-logħba b’kards tematiċi. Waqt li jkunu qed jemedaw il-proposta leġiżlattiva, il-gruppi jridu jqisu l-perspettivi differenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-partijiet ikkonċernati. Tista’ tagħżel minn ħames suġġetti ta’ livelli varji ta’ diffikultà.

It-tieni nett, il-klassi torganizza **dibattitu plenarju**, li fih il-gruppi jippreżentaw il-proposti adattati tagħhom. Dan jiġi segwit minn votazzjoni fil-klassi.

Fl-aħħar nett, hemm **rendikont u evalwazzjoni** bir-reqqa tal-logħba ta’ simulazzjoni tar-rwoli, fejn jiġu indikati s-similaritajiet u d-differenzi bejn l-eżerċizzju fil-klassi u r-realtà.

METODOLOĠIJA	TUL TA’ ŻMIEN	MATERJALI
Logħba ta’ simulazzjoni tar-rwoli: ħidma fil-kumitati parlamentari	25 minuta	<ul style="list-style-type: none">- <u>Bord tal-logħba</u> għal kull grupp- <u>Worksheet</u> għal kull grupp- <u>Sett ta’ kards tematiċi</u> għal kull grupp Il-kards iridu jiġu stampati fuq naħa waħda u jinqatgħu.- <u>Proposta leġiżlattiva tematika tal-Kummissjoni Ewropea</u> għal kull grupp.
Logħba ta’ simulazzjoni tar-rwoli: dibattitu plenarju u votazzjoni	10 minuta għal kull tema	<ul style="list-style-type: none">- Blackboard/flipchart + ġibs/marker- <u>Worksheet</u> mimlija għal kull grupp
Rendikont u evalwazzjoni	15-il minuta sa siegħa	<ul style="list-style-type: none">- Kompjuter + projector- <u>Preżentazzjoni</u> tal-Modulu 6

Dikjarazzjoni ta’ ċaħda ta’ responsabbiltà

La l-forma u lanqas il-kontenut ta’ dan l-eżerċizzju ma joffru rappreżentazzjoni kompluta u korretta tar-realtà, u lanqas ma jirrapreżentaw il-fehmiet proprij tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew tal-gruppi tal-lobbjar. L-għan ta’ dan l-eżerċizzju ta’ simulazzjoni huwa purament edukattiv, u din hija l-unika bażi għall-għażliet li saru.

OBJETTIVI U #ILIJET

ATTITUDNI

- L-istudenti jiżviluppaw attitudni kritika: huma jiformaw opinjoni dwar is-suġġetti attwali tal-UE.

G#ARFIEN

- L-istudenti jafu u jifhmu (verzjoni simplifikata ta') l-proċess deċiżjonali tal-UE.
- L-istudenti jifhmu r-rwol tal-Parlament Ewropew fi ħdan dan il-proċess.
- L-istudenti jafu li l-Parlament Ewropew jitratta suġġetti konkreti li għandhom impatt fuq il-#ajja tagħhom ta' kuljum.
- L-istudenti jafu aktar dwar it-temi diskussi.

#ILIJET

- Matul l-eżerċizzju kollu, l-istudenti jiżviluppaw il-#ilijet demokratiċi tagħhom: dawn jingħallmu kif iqisu l-opinjoni ta' ħaddieħor, kif jiformaw l-opinjoni tagħhom stess, kif jikkonsultaw oħrajn u kif jilhqg kompromess.
- L-istudenti jingħallmu jippreżentaw il-proposta tagħhom u jikkellmu quddiem grupp.

PASS, PASS


1. LOG#IBA TA' SIMULAZZJONI TAR-RWOLI: #IDMA FIL-KUMITATI PARLAMENTARI

ISSETTJAR

Il-klassi tinqasam fi gruppi ta' erba' sa #ames studenti. Kull grupp jiġi assenjat tema li jrid ja#dem biha. Kull grupp ipoġġi madwar mejda bil-materjali kollha. Idealment, it-tabelli diġà jkunu ppreparati mill-għalliem.

Kull grupp ikollu proposta leġiżlattiva tematika tal-Kummissjoni Ewropea. Fuq il-mejda tagħhom hemm ukoll worksheet (identika għat-temi kollha), bord tal-logħba (identiku għat-temi kollha) u l-kards relatati mat-tema. Il-kards relatati mat-tema jingħegħdu fuq il-bord tal-logħba wiċċhom 'l isfel u bil-kantunieri li juru n-numri jew is-simboli mitwija 'l fuq.

Tema ssettjata tidher xi #ag'hekk:



Nota bene: L-istampa fuq turi li t-tema hi t-“Tipjip”. Din it-tema partikolari għandha anqas kards fis-sett tagħha minn uħud mit-temi l-oħra. Din hija r-raġuni għaliex il-kaxxa tan-nofs fuq il-kolonna tax-xellug mhix mgħottija b'kard. Ċerti temi għandhom kard għal dik il-kaxxa.

PROĊESS

L-għalliem jispjega fil-qosor lill-istudenti li minn issa 'l quddiem se jkunu kollha Membri tal-Parlament Ewropew u li, f'dik il-kapaċità, dawn se jfasslu l-liġi tagħhom stess. L-għalliem jispjegalhom ukoll li se jkollhom jippreżentaw il-liġi tagħhom lill-bqija tal-klassi u li l-klassi se tivvota dwarha. L-għalliem jagħżel is-suġġetti li ser jaħdmu l-istudenti qabel ma jispjega l-logħba.

Wara dan, l-għalliem jispjega fil-qosor il-bord tal-logħba, li turi verżjoni simplifikata tal-proċess deċiżjonali tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni li tagħti bidu għal-liġi, billi tagħmel proposti leġiżlattivi. Dawn il-proposti leġiżlattivi mbagħad jaslu għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jikkondividu l-poter leġiżlattivi.

Kull grupp ta' studenti jaħdem b'mod indipendenti skont l-istruzzjonijiet u l-ħin fuq il-worksheet u l-kards: il-grupp jibda bil-kard numru 1. Student minnhom fil-grupp jaqleb il-kard u jaqra jgħajjat dak li hemm fiha. Imbagħad il-grupp iwettaq il-kompiti indikati fuq il-kard. Wara l-grupp jgħaddi għall-kard numru 2, imbagħad għall-kards numri 3 u 4. Il-grupp jieħu noti fuq il-worksheet.

Il-kards ikun fihom kompitu jew informazzjoni addizzjonali ppreżentata bħala perspettiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-gruppi tal-lobbjar jew ta' partijiet ikkonċernati oħra. Pass, pass, l-istudenti jiffurmaw il-“liġi Ewropea” tagħhom stess. Il-kompitu finali għall-istudenti huwa l-preparazzjoni ta' preżentazzjoni dwar il-liġi tagħhom għall-istudenti l-oħra fil-klassi.

KONTENUT

Il-proposti leġiżlattivi u l-kards tematiċi kollha jistgħu jinstabu fid-dokument bil-materjal tal-logħba għal dan il-modulu. Hemm ħames temi/suġġetti għal din il-lobgħa ta' simulazzjoni tar-rwoli. Il-proposti leġiżlattivi mill-Kummissjoni Ewropea, l-adattamenti mitluba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-informazzjoni mogħtija mill-partijiet interessati, kollha huma magħżula biex iħeġġu kemm jista' jkun diskussjoni kbira bejn l-istudenti. Huma fittizji u jservu biss bħala mira edukattiva. Huwa importanti li l-għalliem jispjega r-realtà tas-suġġetti wara l-eżerċizzju.

Il-ħames suġġetti huma kklassifikati minn faċli għal aktar kumplessi:

1. It-tipjip fl-UE
2. Armata tal-UE?
3. L-UE u t-tiżhin globali
4. Id-demokrazija Ewropea
5. Ir-rifuġjati fl-Ewropa

XI IDEAT

- Dur mal-gruppi u għinhom jekk jeħlu.
- Preferibbilment, kull grupp jaħdem fuq tema differenti. B'dan il-mod kull grupp jista' jippreżenta liġi differenti lill-klassi. Madankollu, l-għalliem jista' jagħżel il-possibbiltà li l-gruppi kollha jaħdmu fuq l-istess tema, jew jista' jagħżel li jassenja l-istess tema lil żewġ gruppi, eċċ.

2. LOGĦBA TA' SIMULAZZJONI TAR-RWOLI: DIBATTITU PLENARJU U VOTAZZJONI

ISSETTJAR

L-istudenti jibqgħu bilqiegħda fil-kumitati tematiċi tagħhom stess. Fuq quddiem tal-klassi, blackboard jew flipchart juru l-grilja li ġejja:

TEMA	VOTI FAVUR	VOTI KONTRA	ASTENSJONI MILL-VOTAZZJONI
eż. Tipjip			
eż. Rifuġjati			

L-għalliem jikteb it-temi li se jiġu diskussi fl-ewwel kolonna.

PROĊESS

Kull grupp tematiku jkollu massimu ta' żewġ minuti biex jippreżenta l-proposta tiegħu. Il-grupp juża l-worksheet mimlija biex jagħmel dan. Wara, l-istudenti l-oħra jingħataw ħin biex jagħmlu mistoqsijiet. Imbagħad l-għalliem jgħaddi immedjatament għall-vot. Kulħadd jivvota billi **jgħolli idu**. L-istudenti fil-kumitat tematiku li jippreżenta l-proposta jistgħu jivvotaw ukoll. L-għalliem jagħmel id-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

- "Dawk li jaqblu ma' din il-proposta, jgħollu jdejhom." L-għalliem iniżżel in-numru fil-kolonna "Voti favur" tat-tema inkwistjoni.
- "Dawk li ma jaqblux ma' din il-proposta, jgħollu jdejhom." L-għalliem iniżżel in-numru fil-kolonna "Voti kontra" tat-tema inkwistjoni.
- "Dawk li jastjenu, jgħollu jdejhom." L-għalliem iniżżel in-numru fil-kolonna "Astensjoni mill-votazzjoni" tat-tema inkwistjoni.

Wara l-votazzjoni, l-għalliem jikkonkludi jekk il-maġġoranza vvutawx biex il-liġi tiġi aċċettata jew miċħuda.

Hemm maġġoranza meta nofs l-istudenti + 1 jivvutaw favur jew kontra proposta. Dawk li astjenew ma jingħaddux. Fil-każ ta' voti ndaq, l-għalliem jissuġġerixxi s-sospensjoni tal-votazzjoni. B'dak il-mod, il-proposta tibqa' mingħajr deċiżjoni.

Dan il-proċess huwa ripetut għal kull liġi.

XI IDEAT

- L-għadd ta' gruppi fil-klassi jiddetermina l-ħin meħtieġ għall-eżerċizzju.
- Aktar ma jkun żgħar il-gruppi, aktar se jkun involut kull student individwali. Qis kemm il-ħin kif ukoll l-involvement personali tal-istudenti meta tiddeċiedi f'kemm-il grupp se taqşam il-klassi.

3. RENDIKONT U EVALWAZZJONI

ISSETTJAR





L-għalliem jiddiskuti s-similaritajiet u d-differenzi bejn l-eżerċizzju u r-realtà, bl-għajjnuna tal-preżentazzjoni għal dan il-modulu. L-istudenti jibqgħu bilqiegħda fil-gruppi iżgħar tagħhom jew inkella jieħdu l-post normali tagħhom fil-klassi.

PROĊESS

L-ewwel nett, l-għalliem jistaqsihom dwar l-**esperjenzi** tagħhom: "Kif ħassejtek bħala MPE?" It-tweġibiet possibbli huma li sabu li kien diffiċli li jieħdu deċiżjonijiet meta jkun hemm tant interessi kkonċernati jew li ħadu gost li kellhom is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet. Staqs lill-istudenti li kellhom esperjenzi simili jew opposti: eż. 'Min ukoll ħass hekk? Min ħaseb il-kuntrarju'"

Wara din l-introduzzjoni, l-għalliem jgħaddi għall-**evalwazzjoni tal-eżerċizzju**. Huwa jispjega li l-logħba ta' simulazzjoni tar-rwoli fil-klassi hija differenti minn dak li jiġri fir-realtà. Hemm differenzi kemm fil-format kif ukoll fil-kontenut. Fl-istess ħin, sintendi, hemm ukoll numru ta' affarijiet li huma simili. Dawn id-differenzi u s-similaritajiet huma ppreżentati fil-preżentazzjoni permezz ta' roster (ara l-istampa).

EVALUATION OF THE ROLE PLAY

	SIMILARITIES	DIFFERENCES
FORM		
CONTENT		

L-ewwel mistoqsija għall-istudenti hija: "X'aspetti tal-eżerċizzju taħseb li kienu simili għar-realtà fil-forma jew fil-kontenut?. Imbagħad l-għalliem juri u jispjega s-**similaritajiet** permezz tal-preżentazzjoni, bil-kontribut tal-istudenti.

It-tieni mistoqsija hija: "X'taħseb li jaħdem b'mod differenti fir-realtà?". Imbagħad l-għalliem jiddiskuti l-aktar **differenzi** importanti, għal darb' oħra bil-kontribut tal-istudenti u billi juża l-preżentazzjoni.

It-tielet, l-għalliem **jiddiskuti r-realtà tat-temi li ġew diskussi** fil-klassi. Dan huwa importanti ħafna għax tiżgura li l-istudenti jtilqu mill-klassi b'immagħni preċiża tar-realtà.

KONTENUT

1. Similaritajiet mar-realtà u differenzi mir-realtà

	SIMILARITAJIET	DIFFERENZI
FORMOLA	<p>Kumitati tematiċi fil-Parlament Ewropew: Il-Parlament Ewropew jitratta temi varji ħafna. Din hija r-raġuni l-għaliha l-MPE jispeċjalizzaw f'tema waħda jew tnejn biss. Il-Parlament Ewropew għandu madwar 20 kumitat tematiku fiss u xi wħud ad hoc. Fi ħdan dawn il-kumitati, il-MPE l-ewwel jiffamiljarizzaw lilhom infushom mat-tema u jiddiskutuha qabel ma jippreżentawha lill-bqija tal-Parlament Ewropew.</p> <p>Gruppi ta' interess. Il-MPE spiss jiġu avviċinati minn gruppi ta' interess.</p> <p>Votazzjoni b'turija tal-idejn. Fil-Parlament Ewropew, il-votazzjoni dwar proposti spiss issir b'turija tal-idejn għaliex, b'mod ġenerali, din hija aktar veloċi. Kultant il-MPE jivvotaw elettronikament (= vot individwali), pereżempju meta l-Parlament ikun diviż ħafna dwar suġġett u r-riżultat tal-voti ma jkunx ċar mad-daqqa t'għajn. Grupp politiku jista' jitlob vot elettroniku wkoll (minn qabel), u l-votazzjoni finali fuq rapport fil-parti l-kbira ssir b'vot elettroniku. Dan jgħin lill-membri tal-pubbliku jżomm kont ta' liema MPE vvotaw favur/kontra jew astjenew milli jivvotaw.</p> <p>Votazzjoni b'maġġoranza. Fil-Parlament Ewropew, ir-regola għall-maġġoranza wkoll hija ta' nofs il-voti mitfugħa + vot.</p>	<p>Diversi gruppi politiċi: Matul l-eżerċizzju, l-istudenti ma kinux jappartjenu għal grupp politiku. Fir-realtà, bħalissa hemm seba' gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew. Fis-sessjoni plenarja, il-MPE jpoġġu flimkien fil-gruppi politiċi rispettivi tagħhom, mix-xellug għal-lemin. Kull grupp huwa ppresedut minn president.</p> <p>Setgħa leġislattiva kondiviża. L-eżerċizzju jista' jagħti l-impressjoni li l-Parlament Ewropew biss għandu s-setgħa leġislattiva fl-UE u, għalhekk, huwa jieħu d-deċiżjonijiet kollha. Madankollu, fir-realtà, il-Parlament jaqsam is-setgħa tiegħu mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>Aktar kumpless</p> <ul style="list-style-type: none"> - L-eżerċizzju sar bi ftit nies biss. Fil-Parlament Ewropew, id-dibattitu u l-votazzjoni jsiru b'massimu ta' 751 MPE. - L-eżerċizzju tal-klassi sar f'lingwa waħda. Fil-Parlament kulħadd huwa awtorizzat jitkellem waħda mill-24 lingwa uffiċjali. Imbagħad kollox jiġi tradott fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.
KONTENUT	<p>Argumenti. L-argumenti li semmejtu intom matul l-eżerċizzju huma simili għal dawk espressi fid-dibattiti Ewropej.</p>	<p>Aktar kumpless</p> <ul style="list-style-type: none"> - It-temi spiss ikunu aktar tekniċi. Pereżempju, is-suġġett inkwistjoni jista' jkun id-daqs tat-toqob fix-xbieki tas-sajd. Dan jirrikjedi riċerka xjentifika ddedikata dwar it-tip ta' ħut li jista' jinqabad b'kull tip ta' xibka, eċċ. - Il-proposti leġislattivi li l-Parlament Ewropew jivvota dwarhom huma ferm aktar dettaljati. Kull dettall jiġi diskuss u, jekk ikun hemm bżonn, jiġi modifikat.
	<p>Finalment, hemm element wieħed li jappartjeni kemm għas-similaritajiet kif ukoll għad-differenzi: it-temi nfushom:</p> <ul style="list-style-type: none"> - It-temi stess jistgħu jitqiesu simili għaliex dawn il-koll huma suġġetti li l-Parlament Ewropew ikun qed jindirizza jew indirizza fl-imġhoddi. - It-temi huma differenti wkoll għaliex fil-verità l-proposti u l-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jkun differenti. 	

2. Is-sitwazzjoni attwali tat-temi

1. IT-TIPJIP FL-UE

Biex twaqqaf liż-żgħażaġħ milli jibdew ipejpu, l-Unjoni Ewropea tiffoka fuq il-prevenzjoni (= tara li l-żgħażaġħ ma jibdewx ipejpu) u l-iskoraġġiment (= tara li l-persuni li jibdew ipejpu jkunu ftit, jew li jieqfu).

Hu għalhekk li r-regoli Ewropej jesigū li kull pakkett sigaretti mibjugħ fl-UE jkollu twissija dwar is-saħħa (stampa, twissija bil-kliem u informazzjoni dwar servizzi biex tieqaf tpejjep) bil-lingwa(i) uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE fejn jinbiegħ. B'dan il-mod, l-UE tinforma lix-xerrej dwar il-perikli tat-tipjip.

Ir-riklamar tat-tabakk għie limitat ukoll: ma jistgħux isiru kampanji li jippromwovu t-tabakk.

Minbarra r-regoli fissi dwar il-bejgħ u r-riklamar ta' prodotti tat-tabakk, l-UE tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-pajjiżi tal-UE biex jipprojbixxu t-tipjip fl-uffiċji tal-gvern, kif ukoll fi spazji pubbliċi u oħrajn. Iżda fl-aħħar mill-aħħar huma l-pajjiżi nfushom li jiddeċiedu jseguw ir-rakkomandazzjoni jew le.

Fl-2014 l-UE approvat regoli aktar stretti dwar it-tabakk. Dawn daħlu fis-seħħ fl-2016:

- il-bejgħ ta' sigaretti li fihom togħmiet partikolari, bħall-mentol, issa huwa pprojbit.
- It-twissijiet fuq il-pakketti tas-sigaretti jridu jkopru tal-inqas 65% tal-pakkett, u hemm sensiela speċifika ta' twissijiet għal kull pajjiż.
- Hemm limitu fuq l-ammont ta' nikotina li jrid ikun fihom is-sigaretti elettroniċi.

Fil-proposta leġiżlattiva oriġinali, pakketti tas-sigaretti standardizzati – “newtrali” – tressqu bħala għażla, iżda l-istituzzjonijiet tal-UE ma setgħux jaqblu dwar dan is-suġġett. Il-proposta biex l-età minima togħla għal 18-il sena fl-UE biex wieħed jixtri t-tabakk ukoll ma għaddietx.

Madankollu, kull Stat Membru jista' jagħżel li jimplementa regoli aktar stretti: fi Franza, pereżempju, l-ippakkjar standardizzat ilu obligatorju minn Jannar 2017 u l-istess regola ilha fis-seħħ fl-Irlanda minn Ottubru 2018. Anke l-prezzijiet tat-tabakk ivarjaw minn pajjiż għal ieħor. Il-pajjiż tal-UE fejn tista' tixtri l-irħas pakkett sigaretti fl-UE huwa l-Bulgarija, għall-prezz ta' madwar €2.60. L-ogħla ssibhom fl-Irlanda, fejn pakkett jiswa aktar minn €10.

Aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett jista' jinsab hawnhekk <https://ec.europa.eu/health/tobacco/overview>.

2. ARMATA TAL-UE?

Minkejja l-pjanijiet għal Komunità Ewropea tad-Difiża li saru fl-1952, l-Unjoni Ewropea ma għandhiex armata. Kull Stat Membru jiddeċiedi b'mod awtonomu jekk jkollux armata tiegħu u jekk jiskjerah l-istess l-armata.

Madankollu, il-kooperazzjoni dwar il-politika għall-affarijiet barranin u d-difiża żdiedet ħafna, speċjalment bl-Istrateġija Globali għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà, li tnedet fl-2016. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-difiża u jallinjaw in-nefqa militari tagħhom u l-investimenti b'inizjattivi bħall-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO).

Isiru wkoll **missjonijiet tal-UE ad hoc** barra mill-UE, għal skopijiet ta' żamma tal-paċi, prevenzjoni tal-kunflitti u sigurtà internazzjonali. It-truppi jiġu skjerati għal żewġ tipi ta' missjonijiet:

- Missjonijiet ċivili (pereżempju il-forzi ta' taħriġ tal-pulizija)
- Operazzjonijiet Militari (pereżempju, azzjonijiet kontra l-piraterija)

Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi b'mod separat fuq kull missjoni ad hoc. Il-pajjiżi jistgħu jipparteċipaw volontarjament. L-UE diġà wettqet madwar 34 operazzjoni ċivili u militari. Eżempji magħrufa huma l-bini mill-ġdid wara t-tsunami f'Atjeh (l-Indoneżja) u l-ġlieda kontra l-piraterija fil-Qarn tal-Afrika.

Importanti li tkun taf li l-interventi tal-UE jseħħu skont il-linji gwida **tan-NU** (Nazzjonijiet Uniti) u b'kooperazzjoni mill-qrib **man-NATO** (l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana).

Links utli:

- Aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett tinsab hawnhekk: https://eeas.europa.eu/topics/security-defence-crisis-response_en u www.europarl.europa.eu/factsheets/en/sheet/159/common-security-and-defence-policy
- Iċ-ċifri dwar in-nefqa militari u l-kummerċ tal-armi jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/knowledge4policy/foresight/topic/changing-security-paradigm/world-military-expenditure_en

3. L-UE U T-TIŠHIN GLOBALI

L-UE qed tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' politiki konkreti. Hija stabbiliet miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, eż. sehem ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli u tnaqqis ta' mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Fl-2020 il-Kummissjoni Ewropea nediet il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jstabbilixxi miri aktar ambizzjużi, eż. biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050.

Peress li l-konsegwenzi tat-tiħin globali huma diġà viżibbli, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ukoll strateġija tal-UE ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

L-UE wettqet rwol importanti anke fin-negozjati li seħħew madwar id-dinja biex jintlaħaq ftehim li jkun legalment vinkolanti biex tittieħed azzjoni kontra t-tiħin globali, jiġifieri l-Ftehim ta' Pariġi, fl-2015. L-UE rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi f'Ottubru 2016. F'dan il-ftehim, il-pajjiżi wiegħdu li jippruvaw iżommu t-tiħin globali taħt il-livell taż-2° Celsius u preferibbilment taħt il-1.5° Celsius. Il-Ftehim ta' Pariġi ilu fis-seħħ sa minn Novembru tal-2016.

Links utli:

- Aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett tinsab hawnhekk: https://ec.europa.eu/clima/policies/eu-climate-action_en u www.europarl.europa.eu/factsheets/en/sheet/72/combating-climate-change.
- Infografika b'emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra skont il-pajjiż u s-settur tinsab hawnhekk: www.europarl.europa.eu/news/en/headlines/society/20180301STO98928/greenhouse-gas-emissions-by-country-and-sector-infographic.

4. ID-DEMOKRAZIJA EWROPEA

Iċ-ċittadini Ewropej ilhom sa mill-1979 jeleġġu b'mod dirett Parlament Ewropew ġdid kull ħames snin. Skond ir-regoli komuni tal-UE, l-elezzjonijiet għandhom jinżammu b'votazzjoni sigrieta u b'vot universali dirett (vot wieħed għal kull ċittadin adult). Għandhom ikunu bbażati wkoll fuq rappreżentanza proporzjonali. Apparti dawn ir-regoli komuni, l-arranġamenti elettorali huma stabbiliti minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jvarjaw ħafna. Barra minn hekk, iċ-ċittadini jistgħu jivvutaw biss għall-kandidati ta' pajjiżhom stess jew għall-kostitwenzi reġjonali tagħhom stess. Huma l-Istati Membri nfushom li jstabbilixxu jekk iċ-ċittadini għandhom id-dritt għal vot jew inkella huma obbligati

li jivvotaw.

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar is-sistema elettoral tal-Ewropea hawnhekk: <https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/21/the-european-parliament-electoral-procedures>.

Hemm diversi inizjattivi biex iċ-ċittadini jkunu aktar involuti fil-politika Ewropea u biex l-UE ssir aktar demokratika:

- Sa mill-2012, l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej: jekk mill-anqas miljun Ewropew minn minimu ta' seba' Stati Membri tal-UE jiffirmaw inizjattiva, huma jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta leġiżlattiva.
- Il-Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa, m'habbra fl-2019: din il-konferenza se tkun forum pubbliku għal dibattitu ma' ċittadini dwar għadd ta' prijoritajiet u sfidi ewlenin tal-Unjoni Ewropea. Fil-bidu, din ser tkun għaddeja mill-2020 sal-2022.
- Jeżistu bosta strumenti aktar parteċipattivi, bħall-[Ombudsman Ewropew](#), il-[konsultazzjonijiet pubbliċi](#) (esperti f'qasam partikolari), id-[dritt ta' petizzjoni](#) u [djalogi ma' ċittadini](#).

5. IR-RIFUĠJATI FL-UE

Kull pajjiż tal-UE għandu l-politika tal-asil proprja tiegħu. Madankollu, is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (CEAS) tistipula **standards minimi komuni** għat-trattament tal-persuni kollha li jfittxu asil u tal-applikazzjonijiet għal asil għall-Istati Membri kollha tal-UE (magħrufa wkoll bħala r-Regolament ta' Dublin), fosthom:

- L-Istat Membru fejn il-migrant jirfes l-ewwel fl-UE huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal asil.
- Kull persuna li tfittex asil għandha **d-dritt għal kenn, ikel u kura bażika** waqt li tkun qed tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tagħha għal asil. Din hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jipproċessa l-applikazzjoni.
- Il-migranti jistgħu **japplikaw għal asil** fl-UE **darba biss**. Jekk Stat Membru wieħed jiċċad it-talba tagħha, dik il-persuna ma tistax tapplika għal asil f'xi Stat Membru ieħor tal-UE. Sabiex dan jiġi vverifikat, il-marki tas-swaba' ta' kull persuna li tfittex asil jiġu reġistrati fid-database tal-Eurodac.

Bħala rispons għall-wasla mhux ikkontrollata u f'daqqa ta' migranti fl-2015, l-UE ħadet diversi miżuri, inkluż ftehim mat-Turkija u pajjiżi terzi oħra biex il-migranti ma jitħallewx jidhru fl-Unjoni Ewropea. Minn dak inhar 'l hawn, l-għadd ta' wasliet għodda fl-UE naqas. L-avvenimenti tal-2015 u lil hinn madankollu poġġew pressjoni fuq is-sistemi tal-asil ta' ħafna Stati Membri u ż-Żona ta' Schengen. Hemm ħtieġa urġenti għal riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Madankollu din hija kwistjoni diffiċli, minħabba li l-Istati Membri għandhom opinjonijiet differenti dwar kif dawn jindirizzaw il-kwistjoni.

Links utli:

- L-aħħar ċifri relatati mal-migrazzjoni fid-dinja kollha jinsabu: www.unhcr.org/figures-at-a-glance.html
- Tista' ssib infografika tal-Parlament Ewropew b'informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u dwar il-migrazzjoni hawnhekk: www.europarl.europa.eu/thinktank/infographics/migration/public/index.html?page=intro
- Is-sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija spjegata https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/asylum_en

LINKS UTLI

- Dan il-film (mill-2015) jispjega kif jiffunzjona l-Parlament Ewropew f'inqas minn sitt minuti: www.europarl.europa.eu/programme/others/how-it-works-the-european-parliament. (tista' tbiddel il-lingwa fir-rokna ta' fuq tax-xellug tal-paġna). Jekk jifdallek biżżejjed ħin wara l-eżerċizzju, tista' turi dan il-film. Wara li tarawh, tista' tiddiskuti s-similaritajiet u d-differenzi bejn l-eżerċizzji u r-realtà mal-istudenti. Nota bene: dan il-film imur lura għall-2015, li jfisser li xi affarijiet inbidlu. Madankollu, dan jipprova spjegazzjoni tajba dwar kif jaħdem il-Parlament Ewropew.
- Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Parlament hawnhekk: www.europarl.europa.eu/about-parliament/en/organisation-and-rules/organisation.
- Fir-realtà, il-proċedura leġislattiva ordinarja hija aktar ikkumplikata, bl-ewwel, it-tieni u kultant saħansitra t-tielet "qari" mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Tista' ssib rappreżentazzjoni viżwali u spjegazzjoni dettaljata dwar il-proċess hawnhekk: www.europarl.europa.eu/about-parliament/en/powers-and-procedures/legislative-powers.

